**PARROCCA SANTA MARGERITA V.M.,SANNAT**
**Tel/Fax: 21551435 . Email: sannatparish@ keyworld.net**
**Website : www.sannatparish.com**

**IL-ĦADD, 31.08.08:** It-TNEJN U GĦOXRIN ĦADD MATUL IS-SENA
**IT-TNEJN, 1.09.08:** L-Ewwel Tnejn tax-Xahar
**Fis-6.00p.m.** ikun hemm il-quddiesa fiċ-Ċimiterju
**IL-ĦAMIS , 4.09.08:** l-Ewwel Ħamis tax-Xahar.
**Fis-7.15a.m**. ikun hawn il-konfessur barrani għall-qrar.
**Fis-7.00p.m**. is-saċerdoti tal-parroċċa jikkonċelebraw flimkien biex ifakkru t-twaqqif tas-Saċerdozju u ta' l-Ewkraistija. F'din il-quddiesa jsir talb bis-salmi flimkien mal-assemblea.
**Il-ĠIMGĦA, 5.09.08: L-Ewwel Ġimgħa tax-Xahar.**
Illum ikun hawn Ġesu' espost mit-8.00 sal-11.00a.m. u mit-3.00p.m. 'l quddiem.
Nistieden lil kulħadd biex jagħti ftit mill-ħin tal-ġurnata ħalli jgħaddih ma' Ġesu Ewkartsitija.
**Fis-7.00p.m**. quddiesa bil-kant organizzat miż-Żgħażagħ tal-parroċċa.
**IS-SIBT, 6.09.08: Fil-5.00p.m.** Margaret Vella u Donald Attard se jiċċelebraw iż-żwieġ tagħhom.
Nifirħulhom u Nawgurawlhom.
**IL-ĦADD, 7.09.08:** IT-TLIETA U GĦOXRIN ĦADD MATUL IS-SENA

**Proponimenti tal-Papa Gwanni XXIII**

- Illum nipprova nadatta ruħi għaċ-ċirkustanzi tal-ħajja, mingħajr ma' nippretendi li ċ-ċirkustanzi ser ikunu skond il-gosti tiegħi ( se jadattaw ruħhom għalija)
- Inkun qalbi tajba ma kulħadd illum u dejjem.

## LEJN IL-MISSJONI DJOĊESANA…

Wara l-laqgħa li saret nhar il-Ġimgħa li għaddiet u li fiha ġie spjiegat mill-korindatur u minn Mons. Isqof., l-iskop u kif se titmexxa l-Missjoni Djoċesana;
U wara d-dettalji li tajniekom fil-ħarġa tal-Bullettin tal-Ħadd li għadda, issa jmiss li wieħed jirrifletti biex jara kif jista' jgħin f'din il-Missjoni mportanti li se ssir.
Dawk li kien preżenti għal-laqgħa rcevew formula biex japplikaw bħala missjunarji u jagħtu l-ġranet li fihom jistgħu ikunu disponibbli biex jagħmlu din il-ħidma apostolika.
Nixtieq illum nistieden kemm lil dawk li kienu preżenti għal-laqgħa u anke dawk li ma' setgħux jiġu u jixtiequ jagħtu is-sehem tagħhom, biex f'dawn il-ġranet jitolbu u jirriflettu dwar dak li qed titlob minnhom il-Knisja f'Għawdex.
Dan huwa mportanti ħafna għax dan mhux se jkun ix-xogħol tagħna imma l-ħidma ta' Kristu u li jrid jinqeda bina bħala strumenti f'idejħ. Niftakru li mhux se mmorru aħna imma se jibgħatna HU.
Dawk kollha li jħossu li jistgħu ikunu ta' għajnuna huma mitluba li jimlew il-formula blu li ħadu waqt il-laqgħa. Dawk li m'għandhomx jew li ma kienux għal-laqgħa jistgħu jitolbuna waħda mill-Uffiċċju Parrokkjali.
Min ma jkunx jista' jagħti ħafna ġranet waqt il-missjoni jista joffri anke ftit, għax kull ftit tista sservi ta' għajnuna kbira.
Sa dan it-tant nixtieq nagħmel appell lill-Komunita' kollha biex jibda jsir talb għas-suċċess tal-Missjoni u speċjalment għal dawk li jridu jiddeċiedu dwar is-sehem tagħhom fil-Missjoni biex ir-risposta tagħhom jagħtuha b'ġenerożita' ma' Gesu.

*Dun Tarcisio Camilleri (Arċip.)*